# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Eman Hayman)

Vs

Jaimon George

Illum 23 ta' Settembru 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jaimon George ta' 35 sena, iben Gerorge T.M. u Omana George li twieled gewwa Angamaly Kerala Indja nhar it-8 /04/1987 idikjarat li jirrisjedi gewwa l-indirizz 77, Sainte Marie Court, Triq id-Dragun, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita' 0268290A.

Talli nhar il-21/09/2022 ghal habta tal-hinijiet ta' bejn 6pm u 7pm gewwa Msida.

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Balu Prasad fil-periklu car volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-

sahha u cioe` offiza ta natura hafifa fuq persuntu hekk kif iccertifikat Dr Melanie Formosa (Med reg 6503) u li tali offiza saret bi strument li jaqta` jew iniggez.

2. Hebb sabiex jingurja idejjaq jew jaghmel hsara lil Balu Prasad jew lil haddiehor kemm-il darba il-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici.
3. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali lil Balu Prasad jew jekk kien ipprovokat ingurja b' mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tohrog ordni ta` protezzjoni inkluza fil-mori tal-kawza kontra Jaimon George  a beneficcju ta Balu Prasad u dan fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal- vittma imsemmi u f' kaz ta' htija ma` kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom, x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri kif ikkontemplati fl-artikoli u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-seduta tat-23 ta` Settembru 2022 l-imputat iddikjara li ma jifhimx la bil-Malti u la bl-Ingliz u gew appuntati bhala interpreti Bader Zina mill-lingwa Maltija ghal dik Ingliza u  John Gigy Klmpoorheyil mill- lingwa Ingliza ghal Malajalam.

L-imputat iddikjara li ma ghandhux mezzi u giet appuntata Dr Cynthia Tomasolo bhala avukat ta' l-ghajnuna legali li jmissha t-turn illum.

Sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li hu hati tal-Imputazzjonijiet.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward l-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kontestati lilu inkluz li minhabba n-natura tal-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal piena li tista' tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex anke jikkonsulta mal-avukat difensur u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill-ammissjoni registrata minnu semghet lill-imputat itenni li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Rat l-artikoli 214, 221(1), 217, 339(1)(d), (339)(1)e, 383  tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha u l-provi dokumentarji kollha prodotti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri hafna.

Decide

Ghal dawn il-motivi tikkundanna l-imputat sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tohrog ordni fil-konfront ta' Balu Prasad ai termini tal—Artikolu 383 (1) tal-Kodici Krininali ghal zmien sentejn.

Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace

Doris Serpina Sciberras

Deputat Registratur